MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 43/2009

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Michelle Mangion - ID-336684(M), u b'digriet datat 6 ta' April 2009, gie kjamat fil-kawza Abdallah Ahamed Nawfleh**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u disgha u sebghin Ewro u hames centezmu (€2,279.05c) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi telefonici li jgibu n-numri *21335449 u 21335459 (AC 40075243)* skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti hawn annessi. Dok. IZY 1 prospett ghas-

servizz relattiv u Dok. IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-eccipjenti u ghandu jigi ordnat li l-hlas isir minn certu Abdallah Ahamed Nawfleh kif ghandu jirrizulta waqt il-gbir tax-xhieda. Ghal dan il-ghan l-imsemmi Abdallah Ahmed Nawfleh ghandu jigi kjamat fil-kawza.  Bl-ispejjez.

Semgha d-deposizzjoni tal-konvenuta, wara liema xhieda t-Tribunal ordna li jigi kjamat fil-kawza Abdallah Ahamed Nawfleh, permezz ta’ digriet moghti fis-6 ta’ April, 2009.

Ra li ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex il-kjamat in kawza jigi notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-Smiegh, tali notifika baqghet ma gietx imwettqa.

Ra l-verbal tas-seduti tas-16 ta’ Marzu, 2012 u 14 ta’ Mejju, 2012, fejn is-socjeta’ attrici talbet illi l-kawza tithalla ghas-sentenza fuq il-provi li jinsabu in atti.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub f’din il-kawza ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta kkontestat din il-kawza, u xehdet fl-udjenza tas-6 ta’ April, 2009, ma dehretx ghas-seduti l-ohra li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuta qed tikkontendi illi hija kienet impjegata mal-kjamat in kawza, u li meta ffirmat l-applikazzjoni sabiex is-socjeta’ attrici tipprovdi zewg linji tat-telefon

gewwa stabbiliment f'The Strand, Gzira, hija kienet qedha tiffirma ghan-nom tal-principal taghha. Illi minkejja tali dikjarazzjoni, il-konvenuta ma ressqet ebda prova in sostenn ta' dan, anzi xehdet illi l-impieg taghha gie terminat f'April 2006, ghaliex giet *redundant*, filwaqt illi l-kuntratt mas-socjeta' attrici li fuqu ffirmat, u tirrizulta l-firma tal-konvenuta, huwa datat 6 ta' Novembru, 2006.

Illi oltre dan, il-konvenuta ddikjarat illi hi saret taf illi s-servizz baqa' rregistrat f'isimha – minkejja l-accertazzjonijiet tal-principal taghha illi dan kien gie trasferit – meta applikat sabiex tinghata s-servizz fid-dar taghha, u giet informata illi kien ghadu dovut bilanc in konnessjoni ma' dan is-servizz. Illi minkejja l-fatt li nghatat tali informazzjoni, jidher illi l-konvenuta ma hadet ebda inizjattiva sabiex taccerta illi s-servizz jigi trasferit ghal fuq min kien, skond il-verzjoni taghha, realment responsabbli ghalih.

Illi fid-dawl ta' dawn l-inkosistenzi, u tenut kont illi l-konvenuta ma hadietx interess sabiex taccerta illi l-kjamat in kawza jigi notifikat bl-atti tal-kawza, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezjoni sollevata mill-konvenuta.
Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn disgha u sebghin Ewro u hames centezmi (€2,279.05c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------